# PJAN TAL-LEZZJONI

**Titlu: Ta' madwari**

**Subtitle: 8.5 Id-drittijiet u d-dmirijiet**

**Għanijiet:**



Sal-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser:

1.jiddistingwu bejn dmirijiet u drittijiet.

2.jaraw kif it-tnejn huma importanti sabiex inkunu kuntenti f'ħajjitna.

**Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Word document – flashcards set 2
- Video: Drittijiet u Dmirijiet
  https://www.youtube.com/watch?v=N9-L3Px_6pQ
- Karti ta' taħriġ 8.5
- Diska 'We all got Rights'
- flash cards tad-dmirjiet u drittijiet. Idealment l-flashcard tad-Drittijiet tiġi printjata fuq karta safra, filwaqt li tad-dmirijiet tkun fuq karta ċelesti (sabiex ikunu jaqblu ma' tal-ktieb).

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Tella l-pawerpojnt fuq slajd 2 u staqsi lit-tfal sabiex iħarsu lejn l-istampi u dak li hemm miktub. Aqrahom u wara staqsi lit-tfal jekk hux qed jinnutaw xi differenza bejn il-punti tal-lemin u dawk tax-xellug.
- Iddiskutu d-differenza li fl-ewwel kolonna hemm l-affarijiet li għandu jagħmel ħaddieħor magħna filwaqt li fit-tieni kolonna hemm l-affarijiet li aħna suppost nagħmlu. Spjega t-termini DRITT u DMIR.
- Waħħal ż-żewġ flashcards ħdejn l-wajtbord interattiv sabiex it-tfal ikunu jistgħu jirreferu għalihom meta jiġu f'dubju tat-tifsira.

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



*Pawerpojnt: It-tieni parti:*

- Uri eżempji varji ta' dmirijiet i.e. x'għandhom jagħmlu huma u wara li jarawhom, staqsi lit-tfal saiex joħorġu b'xi eżempju ieħor.
- iftaħ il-*Word Document* fejn din id-darba ser jaraw kemm id-dmirijiet li kienu għadhom kemm raw u d-drittijiet li jaqblu magħhom. Din id-darba iffokka aktar fuq id-drittijiet.

*Pawerpojnt: It-tielet parti:*

- Spjega li t-tfal ser ikunu qed jilagħbu kwizz fejn huma ser ikunu qed jipprattikaw t-tifsira wara ż-żewġ kelmiet tal-llum.

It-tfal l-ewwel ser ikunu qed jikklikkjaw fuq id-dmirijiet filwaqt li wara ser isibu d-drittijiet mis-sentenzi li jingħataw.

- Stiedne lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet: 8.5, spjega s-silta mogħtija u flimkien mat-tfal asal għall-kelma t-tajba li trid tidher f'Attivita 1
- Iddiskuti Attivita 2 u ħalli lit-tfal ipinġu skond il-kulur rikjest dmirijiet u drittijiet
- Iddiskuti Attivita 3 u asal għall-punt ta' kemm hu importanti li naraw x'ħa nagħtu aħna u mhux dejjem x'ħa nirċievu
- Agħlaq bid-diska: we all got rights.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

- Li aħna mhux biss għandna d-drittijiet li rridu nirrispettaw iżda wkoll id-dmirijiet sabiex kulħadd jgħix aktar kuntent.



## Nagħżlu flimkien (Attitude)

- It-tfal ser jaħsbu aktar f'ħaddieħor billi jħarsu lejn d-dmirjiet tagħhom ukoll u mhux biss lejn id-drittijiet.
- Japprezzaw aktar kemm huma ffortunati li għandhom d-drittijiet għaliex għad hemm pajjiżi fejn tfal bħalhom m'għandhom xejn minn dan.
- It-tfal ser juru li jkunu ferħanin meta jagħmlu dak li jkun mitlub minnhom bi dmir.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Spjega li ser jisimgħu diska jsiimha ' We all have got right'. Spjega li rights huma d-drittijiet jiġifieri dawk l-affarijiet li suppost ikollna f'ħajjitna. Spjega xi termini tqal u emfasizza l-iktar drittijiet importanti li jissemmew.

Ser jissemmew xi drittijiet bħal:

- Li jkollna dar
- Post fejn nitgħallmu
- Post fejn nistrieħu
- Ngħid l-oppinjoni tiegħi
- Ikollna fejn nilagħbu
- Li jagħtu kasek
- Nkunu nafu l-verità



## Nitolbu

- Grazzi Mulej għad-dmirjiet u d-drittijiet. Nitolbok għin biex kull tifel u tifla madwar id-dinja jkollhom dawn jiġu mħarsa. Jiddispjaċini ħafna meta nara tfal li m'għandhom drittijiet u li qed ibatu ħafna minħabba f'hekk Hemm tfal li la għandhom x'jieklu u lanqas fejn jgħixu. Grazzi Mulej ta' kollox.

